

Brussell, 8 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

13289/22

CES 28

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata l-1 ta' Awwissu 2022, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Dominique MICHEL, membru tal-KESE¹.
2. Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Ottubru 2022, il-Gvern Belġjan ippropona lis-Sur Olivier JORIS, *Executive Manager du Centre de compétence Europe et International de la Fédération des Entreprises de Belgique (FEB)* (Maniġer Eżekuttiv, Dipartiment tal-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali, Federazzjoni tal-Intrapriżi fil-Belġju), għall-ħatra bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025².
3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-Kumitat wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

¹ 12062/22.

² 13235/22.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fid-19 ta' Ottubru 2022 u tat opinjoni favorevoli fis-6 ta' Diċembru 2022³.
 5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13291/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-

³ C(2022) 8784.